

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Delphi Hungary Autóalkatrész Gyártó Kft.

Konvenut: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Nyugat-dunántúli Regionális Adó Főigazgatósága (NAV)

Domandi preliminari

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KEE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 183 tagħha, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni u prattika nazzjonali li jeskludu l-ħlas ta' interessi moratorji fuq l-ammont tal-VAT li ma kienx irkuprat minħabba kundizzjoni legali li fil-frattemp ġiet iddikjarata kuntrarja għad-dritt Komunitarju f'sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, minkejja li l-leġiżlazzjoni nazzjonali timponi abitwalment il-ħlas ta' interessi fil-każ ta' rimbors tardiv tal-VAT li tista' tiġi rkuprata?
- (2) Għandu jiġi kkunsidrat bħala kontra l-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza prattika ta' qrati nazzjonali li jwarrbu l-possibbiltà li jinkiseb rimedju b'mezz amministrattiv — peress li l-persuna taxxabli leża ma għandhiex għażla oħra ħlief li tagħmel azzjoni għad-danni li l-eżitu tagħha fl-ordinament ġuridiku nazzjonali madankollu huwa fil-prattika eskluż — biss għar-raġuni li ma teżisti ebda dispożizzjoni konkreta li tista' tiġi applikata, għal dan il-għan, għal dan il-każ speċifiku, minkejja li t-trattament ta' lmenti simili fir-rigward ta' interessi, kif ukoll il-likwidazzjoni ta' dawn tal-aħħar, jaqgħu taħt il-kompetenza tal-amministrazzjoni fiskali?
- (3) Jekk ir-risposta mogħtija għat-tieni domanda hija pożittiva, il-qrati nazzjonali huma obbligati li jinterpretaw u li japplikaw ir-regoli eżistenti tad-dritt intern, fil-prinċipju mhux rilevanti għal dan il-każ speċifiku, b'mod konformi mad-dritt Komunitarju sabiex tiġi ggarantita l-possibbiltà ta' rimedju ekwivalenti u effettiv?
- (4) Id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju ċċitati fl-ewwel domanda għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-dritt ta' għbir ta' interessi fuq taxxa miġbura, miżmuma jew mhux irrimborsata bi ksur tar-regoli tad-dritt Komunitarju huwa dritt tal-persuna taxxabli li jirriżulta direttament mid-dritt Komunitarju stess u li din il-persuna taxxabli tista' tikseb sodisfazzjoni billi tibbaża direttament fuq id-dritt Komunitarju quddiem il-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali, inkluż fil-każ fejn id-dritt intern ma jimponix il-ħlas ta' interessi f'dan il-każ konkret, u li huwa suffiċjenti, sabiex

din l-allegazzjoni tiġi sostnuta, li tiġi prodotta l-prova tal-ksur tad-dritt Komunitarju, kif ukoll tal-għbir, taż-żamma, jew tan-nuqqas ta' rimbors tat-taxxa?

⁽¹⁾ ĠU L 347, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší soud (Ir-Repubblika Ċeka) fit-12 ta' Diċembru 2013 — L vs M, R u K

(Kawża C-656/13)

(2014/C 85/19)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Nejvyšší soud

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: L

Konvenuti: M, R u K

Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 12(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 ⁽¹⁾, tas-27 Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (iktar il quddiem 'ir-Regolament Brussell IIa') għandu jiġi interpretat fis-sens li jibbaża ġurisdizzjoni għal proċedura ta' responsabbiltà tal-ġenituri anki meta ma hemm ebda proċeduri relatati pendenti (jiġifieri "proċedimenti minn barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1")?

Fil-każ ta' risposta affermativa għall-ewwel domanda:

- (2) L-Artikolu 12(3) tar-Regolament Brussell IIa għandu jiġi interpretat fis-sens li aċċettazzjoni espressa jew b'xi mod mhux ekwivoka t'fisser ukoll sitwazzjoni fejn il-parti li ma bdiex il-proċeduri tippreżenta l-att promotur tagħha fl-istess kawża, iżda sussegwentement, waqt l-ewwel att li għandha tagħmel, issostni n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni fil-proċeduri mibdija qabel mill-parti l-oħra?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243.